Meta mort ….dan il-file ghadu hemm? Dan il-file, kienu ghadhom hemm meta inti mort l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Kien ta’ l-FIAU dan ehe, ma kienx ghand il-Pulizija.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ir-rapport ta’ l-FIAU, l-investigazzjoni ta’ l-FIAU.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, naqblu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela ha nispjegaw Sur Imhallef, ifhimni ftit Sur Ferris. Bdejt f’ Novembru.

***Ix-Xhud :***
Ehe. Fl-ewwel ta’ Novembru. Il-Qaddisin kollha.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela fl-ewwel ta’ Novembru bdejt; qabel l-ewwel ta’ Novembru l-FIAU kienet ghamlet rapport

***Ix-Xhud :***
JF 2 qed jghidlek illi…. ehe

***Dr Jason Azzopardi :***
Dak huwa r-rapport?

***Ix-Xhud :***
Ehe dan huwa l-compliance report illi kont ipprezentajt quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera minhabba din l-imbierka blog post li kien hemm tal-miljun. Hawnhekk qieghda u hawn ir-rate of exchange …

***Imhallef A Lofaro :***

Forsi jghidilna min iffirma r-rapport?

***Dr Jason Azzopardi :***

Sur Ferris, ir-rapport ….

***Imhallef A Lofaro :***

Min iffirmah please minn l-FIAU? Ghax inti ma kontx hemm.

***Ix-Xhud :***

Le le le mhux jien.

***Imhallef A Lofaro :***

Tghidilna min iffirmha please?

***Dr Jason Azzopardi :***

Qabel zmienek.

***Ix-Xhud :***

Qabel zmieni ehe. Martina Scalpello, Sarah Scerri u Manfred Galdes.

***Imhallef A Lofaro :***

Tlieta min-nies iffirmawh, ok.

***Dr Jason Azzopardi :***

Dan ir-rapport kif gie ghandek u ghalfejn?

***Ix-Xhud :***

Mela dan ir-rapport kif spjegajt ftit qabel kien il-21 ta' April meta kien tela' blog post tal-habta ta' xi l-erbgha ta' wara nofsinhar ..

***Dr Jason Azzopardi :***

Hu pacenzja, fl-ewwel ta' Novembru 2016 bdejt.

***Ix-Xhud :***

Bdejt.

***Dr Jason Azzopardi :***

Qabel ma bdejt kien hemm rapport ta' compliance fuq il-Pilatus; qabel zmienek

***Ix-Xhud :***

Qabel zmieni. Ghaliex jiena fi zmien il-Pulizija sewwa?, f' Awwissu kont arrestajt lil Maria Efimova fuq rigwardanti l-bicca xoghol ta' Pilatus.

***Dr Jason Azzopardi :***
Halli ma nidhlux fuq Maria Efimova ghal issa. Meta fl-1 ta' Novembru bdejt, ir-rapport fuq il-Pilatus u l-breaches tieghu kien sar qabel zmienek.

***Ix-Xhud :***
Kien sar qabel zmieni ehe.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ippermettili. Fl-ewwel jew it-tnejn ta' Novembru, ghidilna inti, x' gejt mitlub taghmel?

***Ix-Xhud :***
Fil-complaince xejn. Jiena skoprejat illi dan il-clean bill of health, fhimt x' inhi?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
..

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela le?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Ferris, jiena ma ghandix idea ta' dak li inti ghext fil-Pulizija u fl-FIAU.

***Ix-Xhud :***
M' ghandekx idea.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
M' ghandix idea u hadd f' din l-Awla m' ghandu idea.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U l-Bord irid jifhem pass pass ta' inti minn xiex ghaddejt u x' taf. So bear with us. Mela inti ghedt illi dhalt tahdem l-FIAU f' Novembru 2016

***Ix-Xhud :***
Yes.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghedt illi mbaghad rajt il-compliance report illi kien sar qabel ma dhalt inti fuq il-Pilatus Bank; u ghedt illi l-compliance report kien fih hafna nuqqasijiet. U ghedt ma stajtx nifhem kif minkejja dawk in-nuqqasijiet inghata clean bill of health. Tista' timlielna l-vojt bejn il-compliance report u l-clean bill of health ghal issa? Dik biss ghal issa.

***Ix-Xhud :***
Mela, peress illi jiena kont... kelli l-issue, ha nghidu hekk, proprjament kien id-Distrett ta' l-Imsida li kienu ghamlu rapport is-sidien tal-Pilatus Bank fuq impjegata taghhom li kienet ghamlitilhom frodi; pero` dak iz-zmien l-ispettura Butters, dawk tad-Distretti kif jaraw naqra numri jiehdu qata', u allura jigu jigru ghand l-Economic Crimes.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Pero` dan li qed tghid issa kont ghadek ufficjal tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Iva, ghalhekk kienet id-diskussjoni, ghax jiena mid-diskussjoni sirt naf l-affarijiet, sewwa? Allura ha ingiblek retrospective u mbaghad ingieblek ghal quantum tad-diskussjoni. U s-Sur Abdilla qalilha ghid lil Ferris qalilha jaghtik daqqa t' id. U dhalna fl-issue tal-Pilatus, sewwa? Fil-Pulizija.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela, qabel ma inti sirt ufficjal ta' l-FIAU inti kont diga` iltqajt mal-kaz ta' Pilatus ….

***Ix-Xhud :***
Iva mela.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…. meta kont ghadek ufficjal tal-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Iva, f' August.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kif kont iltqajt mal-kaz ta' Pilatus bhala ufficjal tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***

Ghaliex jiena kien hemm rapport l-Ghassa ta' l-Imsida ghand l-ispettur dak iz-zmien kienet Lara Butters hemmhekk, u kienu s-Sur Abdilla kien baghatha direttament fl-ufficcju tieghi. Qalilha ghid lil Ferris jaghtik daqqa t' id. U niftakarni kien ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ir-rapport fuq xiex kien?

***Ix-Xhud :***
Kien xi frodi u mizapproprazzjoni fuq ta' xi ftit eluf ta' ewro minn wahda minn l-impjegati.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Allegat, sewwa? Dak il-hin ghadu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
...li hij Efimova hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Iva Sur Imhallef. U kien San Lawrenz id-data ghax ezatt niftakarha. U din insomma bghatna ghaliha b' mandat ta' arrest. Imbaghad bghatna ghal Al Sader, jien niftakarni, sewwa?, li ma kontx..ghalkemm kellu indirizz hawn Malta ma kotnx naf li dan qed joqghod Washington, sewwa? Ghax kien gie apposta jarani. Jigifieri minn hemm sirt naf li …, jien ghal bidu meta qaluli Pilatus Bank hsibt li xi hadd qed jigbidli saqajja, fhimt jigifieri?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri inti iltqajt mal-kaz ta' Pilatus l-ewwel ..

***Ix-Xhud :***
F' August.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
..f' August, kont ghadek ufficjal tal-Pulizija minhabba rapport li sar minn Pilatus Bank kontra Maria Efimova.

***Ix-Xhud :***
U mexxejna prosecution imbaghad....

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U mexxej prosekuzzjoni ..
***Ix-Xhud :***
Ehe, issa dak il-kaz huwa naqra komplikat ghaliex ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Minhiex ser nidhol f' dak il-kaz.

***Ix-Xhud :***
All right.

***Imhallef A Lofaro :***
Le, ahjar le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Wara dak il-kaz inti mort tahdem ...

***Ix-Xhud :***
L-FIAU

***Dr Therese Comodini Cachia :***
… l-FIAU. Wasalt l-FIAU u quddiemek ghedtilna li gie r-rapport tal-compliance li ga komplut fuq il-Pilatus Bank?

***Ix-Xhud :***
Le. Ir-rapport gie ghandi fil-21 ta' April. Jiena

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fil-21 ta' April ta' meta?

***Ix-Xhud :***
Ta' April 16. Jiena ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kont ghadek ufficjal tal-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Haw sorry; le le, il-21 ta' April tat-2017; skuzani.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ok. Kont diga` impjegat ma' l-FIAU

***Imhallef A Lofaro :***
Ma’ l-FIAU
***Dr Therese Comodini Cachia :***
U gie ghandek.

***Ix-Xhud :***
L-issue li ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta tghid li gie ghandek, ghax kont qieghed tmexxi investigazzjoni ohra?, jew kont qed tkompli fuqha?

***Ix-Xhud :***
Le le; ha nispjegalek daqsxejn fil-bodi tieghi ta’ l-FIAU; u peress illi jiena kont qed nitkellem fuq Al Sader, taf inti; huma kienu jafu li qed imexxi kontra Efimova u so on and so …in-naha ta’ l-FIAU

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le.

***Ix-Xhud :***
Fl-ewwel ta’ Novembru

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Allura gie d-diskors u sirt naf ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fejn u ma’ min? Segwi d-domanda u rrispondi d-domanda

***Imhallef A Lofaro :***
Segwi d-domanda please

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax inkella t-transcript mhux ser ikun car.

***Ix-Xhud :***
Ok.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Mela, meta inti dhalt l-FIAU gie quddiemek ir-rapport tal-compliance ta' Pilatus ..

***Ix-Xhud :***

Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

…Bank; tini cans. Kif wasal ghandek dan ir-rapport? X' waslu ghandek dan ir-rapport lilek?

***Ix-Xhud :***

Mela, jiena r-rapport gie ghandi fi Friday, 21st April 2017 wara li kien itella' blog post li kien hemm allegazzjonijiet ta' xi trasferiment ta' xi one point zero one seven million.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Ok. U meta ittella' dan il-blog post intom, inti, hadt xi azzjoni bhala ufficjal ta' l-FIAU?

***Ix-Xhud :***

Konna jiena, kien hemm Ruth Gauci, kien hemm Kenneth Farrugia fl-ufficcju ta' Kenneth Farrugia, u bghatna ghal tal-compliance ha naraw li jekk din it-transazzjoni kinetx telghetilhom jew le waqt il-visit taghhom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Jigifieri dan il-compliance report gie ghandek minhabba li bdejtu tinvestigaw din il-blog post.

***Ix-Xhud :***

Ahna konna qeghdin ninvestigaw l-agir ta' Pilatus Bank, tal-bagalji, taf inti li kienu bil-bagalji ftit qabel...

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Hemmhekk sibt il-compliance report kellu jew kien identifika affarijiet hziena jew non compliant. Pero` ..

***Ix-Xhud :***

Ehe. Ghax il-bqija jiena bid-diskussjoni.., ghalkemm kont ghedtlek gie jarani Al Sader kien qalli li kellu xi kwistjonijiet ma' l-FIAU fuq xi breaches li skont hu ma jissussistux; u li kien qal ukoll li qabbad lil KPMG li gew jaghmlulhom l-audit.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Sur Ferris, ha nitolbok litteralment issegwi l-mistoqsija ghax inkella ma ahniex..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qed tghaggel wisq u ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nifhmek li inti qed tghaggel ghax inti tafha, u l-Bambin jaf kemm-il darba irrakkontajtha din l-istorja; imma ahna l-ewwel darba li qed nisimghuha u rridu nifhmuha. Mela r-rapport tal-compliance ta' Pilatus Bank maghmul minn l-FIAU. Inti l-ewwel fix-xhieda tieghek ghedtilna hekk : kont sorpriz illi Ali.., u staqsejt ghalfejn inghata clean bill of health meta l-konkluzjoni kienet illi kien hemm nuqqasijiet.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma' min iddiskutejt dik il-clean bill of health?

***Ix-Xhud :***
Mela referenza saret ghaliha l-clean bill of health ghax jiena lanqas kont naf illi inghata clean bill of health. Kont naf li kien hemm ehe, kont naf li kien hemm dawn il-breaches ghax mid-diskussjoni li kien ghamel mieghi Al Sader u l-clean bill of health sirt naf minn ghand Alfred Zammit li kien Deputy Director li kien l-istess presuna illi ffirma ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Deputy Director ta' l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. Dak iz-zmien l-FIAU kienet bla direttur, ghax Manfred Galdes irrezenja f' July u Kenneth Farrugia dahal fi Frar.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
All right. Jigifieri inti iddiskutejta ma' dak li kellu rwol dak iz-zmien ta' direttur.

***Ix-Xhud :***
Le mhux iddiskutejta; jigifieri over the coffe ta' jigifieri; xejn xejn, mhux investigation.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Issa inti staqsejt jew tlabt raguni ghalfejn inghata clean bill of health minkejja dak il-compliance report?

***Ix-Xhud :***

Jiena ghedt, ghedtilhom ma tarawx illi - .., espremejt l-opinjoni tieghi, tajjeb?

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Ehe.

***Ix-Xhud :***

Illi you are reducing to a pile of rubble dak kollu li gie investigat qabel? Ghaliex kien ikolli hafna kollegi tieghi avukati hawnhekk, isma' Jan, qlajt multa ta' xi mitejn u hamsin ewro. U ghedtilhom ghalhekk; ghedtilhom ghalfejn mela ma' wiehed nimxu mod u ma' dan tajnih ic-cans jaghmel.. ; dik kienet id-diskussjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Ok. Wara dik id-diskussjoni inti kont involut fl-FIAU f' investigazzjonijiet oltre rigwardanti Pilatus Bank?

***Ix-Xhud :***

Jiena kont manager tal-unit. Direttament fl-investigazzjoni ma kontx nidhol. Jien kont inhalli lill-analisti fil-liberta` taghom ha jesprimu ruhhom…

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Iva imma jekk l-analisti jaghmlu rapport ..

***Ix-Xhud :***

Imbaghad l-analist jigi jitlob reviews jew parir ....

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Ghalhekk; bhala reviews inti wettaqt xi review jew ippartecipjat f' xi review fuq rapporti dwar Pilatus Bank jew kontijiet ta' PEPS mizmuma f' Pilatus Bank?

***Ix-Xhud :***

Jiena, mela fil-21 ta' April kif ghedtlek rajna dak ir-rapport, sewwa? Imbaghad jiena kont f' Marzu tat-2017, naf li f' Marzu imma ma niftakarx id-data kien tlesta r-rapport fuq Konrad Mizzi.

***Imhallef A Lofaro :***

Minn ghand min kien tlesta?

***Ix-Xhud :***
Minn ghand l-analista.
***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-analista ta' l-FIAU.

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghal liema rapport qed tirreferi?

***Ix-Xhud :***
Fuq Konrad Mizzi and the financial structures illi hu kien qed jiehu hsieb...

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' Panama jigifieri?

***Ix-Xhud :***
Ehe kien hemm il-Panama hekk hu

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Domanda wahda fuq tal-Pilatus; carali ftit din, il-clean bill of health min iffirmah?

***Ix-Xhud :***
Ghedta jien, jekk niftakar tajjeb kien deputy director Alfred Zammit ghax l-FIAU dak iz-zmien kien bla direttur jigifieri.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li jismu?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Alfred Zammit.

***Ix-Xhud :***
Alfred Zammit.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Alfred Zammit. U dan kien l-istess wiehed illi ffirma dawk ir-rapport ta' non compliance?

***Ix-Xhud :***

Le le. Hawnhekk in-non compliance ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax dawk kienu tlieta ta' non compliance, le?

***Ix-Xhud :***
Kellek zewg ufficjali li kienu compliance officers u d-direttur Galdes dak iz-zmien kien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U d-direttur Galdes. I see.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jigifieri taht Dr Galdes kien hemm rapport ta' l-FIAU fejn instabu il-breaches

***Ix-Xhud :***
Hekk jidher.

***Dr Jason Azzopardi :***
Wara li telaq Manfred Galdes ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Id-deputry tieghu ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Id-deputy tieghu f' April elfejn u ..

***Ix-Xhud :***
Le mhux f' April, f' Settembru.

***Dr Jason Azzopardi :***
F' Settembru? Ta' liema sena?

***Ix-Xhud :***
Ta' l-istess sena two thousand and …

***Imhallef A Lofaro :***
Ta' l-istess sena.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Hareg clean bill of health

***Dr Jason Azzopardi :***
U iffirma clean bill of health.
***Ix-Xhud :***
To be fair wara li kien audited KPMG.

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Minghalija kien KPMG; ghax ma rridx.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Dr Jason Azzopardi :***
….mhux normali

***Ix-Xhud :***
Jekk avukat jehel multa ta' mitejn u hamsin ewro u ma jkunx compliant ghalfejn ..; l-opinjoni tieghi dik mhix..

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva. Qabel ma mmorru ghal Konrad Mizzi; fl-ewwel u tnejn ta' Novembru inghatajt xi rapport jew biex tiffirma xi rapport fuq Adrian Hillman?

***Ix-Xhud :***
Iva fit-..

***Dr Jason Azzopardi :***
….u  Keith Schembri? Ghidilna.

***Ix-Xhud :***
Fit-2 ta' Novembru mbaghad ..

***Dr Jason Azzopardi :***
L-ghada tax-xoghol ta' l-ewwel gunata

***Ix-Xhud :***
L-ghada ta' l-ewwel gurnata, inghatajt ir-rapport fuq Keith Schembri u Adrian Hillman biex niffirmah. U jien ghedtilhom, niffirmah, naghmel review ta' l-Ingliz u niffirmah. Ma nistax niffirma rapport ta' investigazjoni f' gurnata li ili

hawn! Ghax ma tistax tillestiha. Hadd ma jemmnek. U konna qbilna hekk. Ghamilt xi corrections – grammatical corrections ta' l-Ingliz..

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri hekk biss, l-Ingliz rajt.

***Ix-Xhud :***
Mele mela. Ma nistax..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ok; x' kellu dan ir-rapport? Konkluzjoni.

***Ix-Xhud :***
Dan intbaghat lill-Pulizija ghax ..; ehe li kien hemm allegat xi kickbacks xi haga hekk kienet jekk il-memorja ittini tajjeb ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri meta Galdes ghamil dak ir-rapport u ffirmah dak intbaghat lill-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Le; compliance ma jintbaghatx lill-Pulizija

***Imhallef J Said Pullicino :***
All right.

***Ix-Xhud :***
Ghalhekk ghedtlek l-ewwel bdejt nispjegalek ....

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma fir-rigward ta' Pilatus Bank kien hemm rapport maghmul minn l-FIAU sa fejn taf inti li intbaghat lill-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Le le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sa fejn taf inti le?

***Ix-Xhud :***
Sa fen naf jien le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
….Manfred Galdes baghat xi rapport jew ha xi rapport personalment lil ….

***Ix-Xhud :***
Imma dak naf bih mill-media; kien sar f' April meta faqqghu l-Panama Papers dika.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma kontx hemm inti.

***Ix-Xhud :***
Kont fil-Pulizija jiena.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kont fil-Pulizija, ma kontx fl-FIAU

***Imhallef A Lofaro :***
Le, ok.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sakemm inti kont fil-Pulizija fl-Economic Crimes Unit inti inghatajt xi rapport ta' l-FIAU biex tinvestiga fuqu?

***Ix-Xhud :***
Le le le ghax dan kien imorru..; l-Economic Crimes ghandek Economic Crimes u l-AML – anti money loudening, sewwa? Zewg binarji.

***Dr Jason Azzopardi :***
Inti le.
***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Inti le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma meta tghidli hemm zewg binarji qed tghidli hemm zewg binajri taht l-istess unit?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Immexxija minn l-istess persuna?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Minn min? Fi zmienek u llum.

***Ix-Xhud :***
Fi zmieni bdejna meta kien hemm is-Sur Cassar bhal AC, is-Supretendent Pawlu Vassallo, u mbaghad ikun hemm l-ispetturi, sewwa?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U llum? Sa fejn taf.

***Ix-Xhud :***
Illum ma nafx; imma ha nghidu hekk sal-31 ta' Ottubru 2016 kien hemm is-Supretendent Ian Abdilla qed jiehu hsieb; tajjeb?

***Dr Jason Azzopardi :***
Liaison officer min kien hemm?

***Ix-Xhud :***
Issa liaison officer ghax dik tipprovdih it-373, jien niftakar li kien hemm zmien is-Sur Cassar, jekk il-memorja qed ittini tajjeb; zmien Pawlu Vassallo, imbaghad is-Sur Abdilla. Illum ma nafx min hemm.

***Dr Jason Azzopardi :***
Meta inti dhalt l-FIAU f' Novembru liaison officer min kien hemm?

***Ix-Xhud :***
Ghamilna habta lanqas kien qed jigi liaison officer ghax Pawlu Vassallo kien irrezenja u kienu ghadhom ma appuntawx. Il-Kummissarju ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta kien jigi min kien?

***Ix-Xhud :***
Il-Kummissarju ried jappuntah.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

U meta kien jigi ..

***Ix-Xhud :***
Imbaghad eventwalment lahaq is-Sur Abdilla, gie s-Sur Abdilla.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Issa ha nerga' niehdok lura ghal rapporti li semmejt biex taghtina r-rwol tieghek, tispjegalna r-rwol tieghek, l-ewwel nies is-suggett u l-kontenut ta' dawk ir-rapporti; ir-rwol tieghek f' dawk ir-rapporti, jekk ghaddewx lill-Pulizija, u jekk taf jekk gewx investigati min-naha tal-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Ghal liema rapport qed tirreferi?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela ha nibda minn l-ewwel rapport, ir-rapport li inti ghedt ikkorigejtu biss ghall-Ingliz.

***Ix-Xhud :***
Dak naf li ghadda lill-Pulizija.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
X' kien dak ir-rapport?

***Ix-Xhud :***
Daka kien .., qed tibaghtuni lura issa sat-two thousand and…, naf li kien bejn Keith Schembri u Adrian Hillman fuq xi kickbacks; imma titlobnix il-kontenut tieghu ghax kif ghedtlek jiena rajt ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ha hdimtx fuqu.

***Ix-Xhud :***
Ma hdimtx fuqu.

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas il-konkluzjoni? Il-konklizjoni.

***Ix-Xhud :***
Kull ma rajt jiena on the 2$^{nd}$ of November 2016, jigifieri ikkoregejt l-Ingliz ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Rapporti ohra ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…pero` la intbaghat lill-Pulizija ghandna nifhmu li kien fih kontenut illi l-Pulizija kellhom imexxu ..

***Ix-Xhud :***
Issa ehe, l-FIAU timxi, ghax din wiehed japprezza..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Importanti tghidilna din ehe…

***Ix-Xhud :***
L-FIAU timxi fuq reasonable suspicion. Il-Pulizija timxi, (tghallmuni intom), beyond reasonable doubt. Jigifieri jiena nista' naghmel miljun rapport, imma mbaghad il-Pulizija tressaq forsi wiehed, fhimt?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu; dik il-pozizzjoni. Imma la bghattuh hemm kien hemm reasonable ..

***Ix-Xhud :***
La johrog rapport hemm reasonable suspicion

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Issa sakemm inti kont ghadek l-FIAU, inti kont involut f' xi laqghat mal-Bord ta' l-FIAU? Jew kont prezenti quddiem il-Bord?

***Ix-Xhud :***
Ehe jiena kont prezenti, ha nghidlek. Kont prezenti ghaliex l-FIA.., mela jiena bdejt f' Novembru; f' Dicembru kont gejt affaccjat b' zewg rizenji. Jigifieri jiena spiccajt kont hemmhekk bi tliet analisti u jiena. U in vista ta' l-STRs li homa suspicious transaction reports li kienu qeghdin jidhlu l-unit qatt ma setghet tahdem kif suppost. U allura, (ha intik kopja taghha wkoll), Kenneth Farrugia kien talabni, qalli isma' Jan, qalli ara x' ghandek bzonn rizorsi, ghax kient very under staffed, qalli halli naghmlu talba biex ituna budget, sewwa? U jiena ghamilt il-proposal tieghi. U kien hemmhekk fejn il-Bord kien talabni biex naghmel spjega zghira ghal xiex ghandna bzonn dawn in-nies. Kien hemmhekk ukoll fejn dak iz-zmien id-DC Silvio Valletta, ghalhekk ftakart read 128 u read 126, ghax incidentalment dak iz-zmien kien tela' xi blog post tas-sinjura Caruana Galizia fuq ir-raguni ghala t-tfal tas-Sur Dalli ma kienux tressqu. U kienet ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Ferris, ibqa' fuq ir-relazzjoni tieghek mal-Bord; ser infakkrek jiena fuq din izjed tard.

***Ix-Xhud :***
All right.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ibqa' spjegalna r-relazzjoni tieghek mal-Bord u meta inti dehert quddiemu u ghalfejn, x' kien is-suggett.

***Ix-Xhud :***
Biex nispjega dan is-set-up li jiena xtaqt li naghmel, li ghandi hawnhekk il-flowchart tieghu kif xtaq li jsir, halli eventwalment il-unit tkun bizzejjed beefed up biex tkun tita' tahdem u tiffunzjona tajjeb. Tinsiex illi f' Gunju ta' l-2017 suppost kellna ndahhlu l-fraud anti money loudening directive li kienet iggib il-gaming ukoll bhala subject persons, allavolja dak iz-zmien konna nircievu STRs; imma ma tantx kont ittihom weight. Jigifieri l-influs ta' STRs kien ha joghla .

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, ha naghmilha domanda daqsxejn iktar diretta; ahna li jinteressana nkunu nafu jekk il-Bord ta' l-FIAU fil-prezenza tieghek jew lilek b' mod dirett talabx informazzjoni dwar investigazzjonijiet, dwar rapporti illi jkun qed ihejji jew jahdem fuqhom l-FIAU.

***Ix-Xhud :***
Le lili qatt ma talabni xejn ghax dak kien ikun hemm il- .., ahna konna nghidulu 'committee' u jigi diskuss committee. U fih dak il-committee kien jigifieri niddeciedu jekk hux ser jintbaghat lill-Pulizija jew ma jintbaghatx lill-Pulizija. Isir qisu ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri f' April 2017 il-Bord talbek lilek jew inti kont prezenti ghal xi diskussjoni dwar Pilatus Bank?

***Ix-Xhud :***

Ma niftakarx ta, ma jidhirlix, ma niftakarx. Iktar ma niftakarx milli dan. Naf li kien talabni l-ispjegazzjoni ghalfejn jiena nixtieq illi jkolli dan il- … unit, minhabba budgets u dawn l-affarijiet; imma ma niftakarx affarijiet

***Dr Jason Azzopardi :***
Gie li kont mghajjat biex kont prezenti ghal Bord fejn qed jigi diskuss xi kaz ghal xi kjarifiki?

***Ix-Xhud :***
I don't recall; my memory doesn't …

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela meta kienet l-ewwel darba jew jekk qattx Mrs Caruana Galizia ikkuntatjatek?

***Ix-Xhud :***
All right; mela jiena halli naghmel il-punt car daqs il-kristall ma' kulhadd. Di persone jiena lis-sinjura Caruana Galizia qatt ma iltqajt maghha; pero` kien is-Sibt $29^{th}$ April 2017 u niftakar id-data, halli ngieblek ezatt kif kienet – kif niftakar id-data; kien is-Sibt. Filghodu jiena s-Sibt kont nidhol l-ufficcju u naqta' naqra emails u naqta' naqra.., affarijiet li jaharqu ma rridx li jkolli nies mieghi, fhimt? Kont niftah is-safe per ezempju u ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghidilna, ghidilna x' qaltlek please.

***Ix-Xhud :***
Ehe, imma ghax din importanti tat-27, sewwa? U kont ircivejt whatsapp message minn ghand Alfred Zammit li kien id-Deputy Director u kien qalli are you planning to go to the office today? $29^{th}$ April, all right? Is-Sibt. U jien cempiltlu lil Alfred, ghedtlu mela, ghedtlu nista' nigi naghmel saghtejn. Qalli ghax ser ikun hemm laqgha sensittiva qalli ahjar ma tmurx. Ghedtlu Alfred, ghedllu l-FIAU mibnija fuq tliet flattijiet, ghedtlu jekk nghaddi minn barra biex nigi fl-ufficcju tieghi ghedtlu mhux ser intellef lil hadd. Baqa' jinsisti, u jien ghedtlu all right. In the mean time ..

***Imhallef A Lofaro :***
"All right" jigifieri ma mortx l-ufficcju.

***Ix-Xhud :***
Ma mortx hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma mortx.

***Ix-Xhud :***
In the mean time cemplitli l-ispettura Lara Butters qaltli - isma', ghal li jista' jkun cemplulek mill-police board lilek? Ghedtilha le. Qaltli mela ha jcemplulek. Ghedtilha ..qaltli, staqsejtha fuq xiex. Qaltli minhabba l-internal investigation tas-sinjura Efimova. U ghedtilha ma cemplux. Kif qatghet cempilli s-segretarju, jekk minhiex sejjer zball John Spiteri, u qalli li jixtieq ikellimna the following week. Ahna ga konna deherna fi Frar fuqu…

***Imhallef A Lofaro :***
Meta tghid "ahna" min please? Meta tghid "ahna" min?

***Ix-Xhud :***
Ahna konna jiena, niftakar l-Ispettura Lara Butters, Pulizija minn l-ufficcju tieghi; ghax din kienet ghamlet allegazzjoni …

***Imhallef A Lofaro :***
Ok, nafu nafu, ok

***Ix-Xhud :***
Sewwa? Imbaghad filghaxija kont il-quddies tas-sitta u nofs Hal Balzan kont qieghed indawwar il-PowerPoint jigifieri fuq il-Korp..

***Imhallef A Lofaro :***
U x' gara?

***Ix-Xhud :***
U rcivejt telefonata. Wegibt. U ghedtilha; qaltli hi, qaltli its Daphne, ghalija.., fhimt? Ghedtilha jiddispjacini, ghedtilha jien qieghed il-quddies

***Imhallef A Lofaro :***
Imma kont taf min hi hux veru?

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Identifikat ruhha.

***Ix-Xhud :***
Identifikat ruhha, jigifieri. .

***Imhallef A Lofaro :***
Imma Daphnes hawn hafna, le?

***Ix-Xhud :***
Iva imma..

***Dr Jason Azzopardi :***
Fhimt min hi.

***Ix-Xhud :***
Fhimt min hi. Mit-ton u mit-tip kif ser taghmilli d-domanda mill-ewwel inkun naf min hu l-bniedem hu!

***Imhallef A Lofaro :***
All right, ok.

***Ix-Xhud :***
Pero` ma ssaportejtx. Hrigt u cempiltilha jiena mill-mobile tieghi u ghamilna xi tliet kwarti nilletikaw; dik hija l-ewwel darba li iltqajt ..within inverted comas, tliet kwarti niggieldu ghaliex hi bdiet tinsisti rigward Efimova li imxena maghha hazin so on and so forth. U dan ghamilna glieda ta' tliet kwarti fuq it-telephone. Pero` mbaghad kienet mara bizzejjed li jumejn jew tlett ijiem wara cemplitli u qaltli, qaltli I am sorry for that introduction, ghax hi kienet titkellem hafna bl-Ingliz; qaltli no heart feelings, qaltli jien ghamilt find out min inti, qaltli hu lets start a fresh. Maghmilha cara wkoll, is-sinjura Caruana Galizia lili qatt talbitni informazzjoni; anzi konna ahna kemm bhala Pulizija u kemm bhala FIAU li noqghodu fuq il-blog post taghha bhala open sources. Imbaghad meta faqqghet l-istorja tieghi fil-gazzetti on the 30$^{th}$ of June ta' l-2017 kienet bghattitli whatsapp message. U kienet qaltli days are harsh times. Qaltli jiddispjacini. U kienet qaltli wkoll li t-tifel taghha kienu ghamlulu l-istess minn New Delhi qalulu biex jippakka. Minn dak iz-zmien .

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Sur Ferris, biex il-Bord isegwik. Meta faqqghet l-istorja tieghek ta' meta gejt imkecci minn l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu, ingustament, hekk hu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***

Ghax again jien ghexthom mieghek dawn l-affarijiet pero` l-Bord ma jkunx jafhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Tkeccejt f' liema data jekk joghgbok?
***Ix-Xhud :***
Official termination 30th June; pero` fis-16/6 kien baghtu l-ewwel ghal Charles Clowney u mbaghad kienu baghtu ghalija u tawni letter. Pero` biex impoggik fit-timeline jigifieri ghax meta tawna l-letter minghajr ragunijiet ta' xejn, ghax on the 13th of June il-Ministru Edward Scicluna kien hareg jghid illi r-rapporti ta' l-FIAU they were purposely written to be leaked; li ma hijiex vera.

***Imhallef A Lofaro :***
Dik kienet ir-raguni tieghu.

***Ix-Xhud :***
Le. Ghax jiena staqsejtu u ghedtlu dan minhabba dan? Qalli le m' hux minhabba l-leaks.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti kont ghadek taht probation hux hekk dak iz-zmien?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Fil-fatt hemm il-kaz ghaddej quddiem ...

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le qed nistaqsih bhala fatt.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Bhala fatt iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…

***Imhallef A Lofaro :***
Ghal fatti biss. Mela jekk ma kinetx dik ir-raguni x' kienet raguni jekk joghgbok?

***Ix-Xhud :***

Ma tawnix raguni. Ghalhekk ..

***Imhallef A Lofaro :***
Minghajr raguni.

***Ix-Xhud :***
Minghajr raguni.

***Imhallef A Lofaro :***
You service is now no longer required.

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok. Inti biss?

***Ix-Xhud :***
Jiena u Charles Clowney li kien il-manager tal-compliance division.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kontu flimkien jigifieri tahdmu flimkien.

***Ix-Xhud :***
Iz-zewg managers taz-zewg units ta' l-FIAU biex niftehmu.

***Imhallef A Lofaro :***
Tkeccejtu it-tnejn flimkien fl-istess data u minghajr raguni.

***Ix-Xhud :***
U jiena ma kontx naf li tkecca hu. Hu gie jghidli bye u jiena ghedtlu mela it makes 2 of us.

***Imhallef A Lofaro :***
Staqsejt ghalfejn qed ikeccuk qed tghid …?

***Ix-Xhud :***
Iva, infatti ghalhekk ghedtlu. Ghedtlu isma' dan minhabba l-leaks jigifieri? Qalli le le ma ghandux x' jaqsam mal-leaks jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
U min kien dan li kellimt?

***Ix-Xhud :***
Dawn kienu Kenneth Farrugia u Alfred Zammit.

***Imhallef A Lofaro :***
Imbaghad tahielek ir-raguni?

***Ix-Xhud :***
Le le, ghadna s’ issa bla raguni ahna.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ghadna ghaddejjin biha. Issa Sur Ferris, ghadek kemm irrakkontajt lill-Bord il-mod kif thank you and good night you are out of here. Fuq xiex kont qed tahdem dak iz-zmien? Fuq hafna affarijiet naf, imma..

***Ix-Xhud :***
Kien hemm hafna affarijiet, pero` l-iktar wahda li kien jahraq li f’ Marzu, kif kont qed nirreferi ghalih qabel, kien tlesta r-rapport fuq l-Onorevoli Konrad Mizzi and his financial structures

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Iddevjajna minnha din jigifieri ergajna gejna ..

***Imhallef A Lofaro :***
Marzu 2017

***Ix-Xhud :***
2017, sewwa? L-analista kienet lestiet ir-rapport. Rapport, kopert hux hekk?

***Imhallef A Lofaro :***
Iva mela.

***Ix-Xhud :***
Ir-rapport number 168/2016 li fih bejn wiehed u iehor xi mija u tletin (130) faccata. Li meta tlesta dan ir-rapport kif kienu qalulu lili jkunu taw kopja lili, kopja ovvjament l-analista, kopja kellu Alfred Zammit u kopja kellu Kenneth Farrugia. U konna fthemna illi one week from that day (titlobnix il-gurnata ghax ma niftakarhiex), kellna niltaqghu .., jigifieri in the mean time f’ dik il-gimgha kellna naqraw u naghmlu n-notamenti taghna. Naqraw dan ir-rapport, naghmlu n-notamenti taghna u jintbaghat immedjatament lill-Pulizija.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ghandi nahseb illi l-mija u tletin pagna (130) ma kienux Jennet ceased John; kienu affarijiet..

***Ix-Xhud :***
Le ma kienux bedtime reading. Dan trid titfa' mohhok hemmhekk u thazzez kemm tiehu n-notamenti tieghek

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Kienu affarijiet kumplessi.

***Ix-Xhud :***
Hafna.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ok. Mela x' ghamilt inti fuq dan ir-rapport?
***Ix-Xhud :***
Jiena ..

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ezaminajtu

***Ix-Xhud :***
Jien ezaminajtu, qrajtu u ghamilt in-notamenti tieghi. Pero` meta gejna lejliet il-gurnata, jigifieri t-Tnejn filghaxija, ghax it-tlieta hekk konna miftehmin, li ser naghmlu gurnata fuqu dan ir-rapport; konna qed niddisutu xi haga ohra u ghedtilhom - isma', ahna ghal ghada all right hux hekk? Minn filghodu sakemm inlestu. U jiena sirt naf ..

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Meta qed tghid "ahna" min kontu? Fakkarni.

***Ix-Xhud :***
Konna jiena, Farrugia, Zammit u Gauci.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ok. U x' irrispondiek xi hadd minnhom? Ga ghedtli ta ..

***Ix-Xhud :***
Hadd minnhom. Qaluli ahna ghadna ma qrajniehx. Jigifieri ma qrajniehx jekk ahna miftehmin!

***Imhallef A Lofaro :***
U kellkom gimgha hux? Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Mhux hekk? Ghedtilhom jiena lestejtu. U qabez Farrugia qalli mela issa niehdu mieghi d-dar illejla. U jien ghedtlu jien mhux tal-parir illi tiehdu mieghek is-sar, ghedtlu ghax jekk allahares qatt jinqalalek incident dan ir-rapport jigi fl-idejn. U fuq min hu u x’ kien fih ahjar jibqa’ maghluq. U qalli mela all right; qalli issa narah. Ghedtlu Kenneth, mhux ser tidhaq bija. Jiena qrajtu, mija u tletin faccata mhux ser taqrhom f’ saghtejn! Le le, qalli issa naghmilhom. Insomma; dak inhar ma iltqajniex. Ghaddew ftit tal-jiem u iltqajna.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Fil-frattemp ir-rapport, il-kopja tieghek ghax init ghalik innifsek tirrispondi, fejn kien?

***Ix-Xhud :***
Il-kopja tieghi kienet l-ufficcju, fil-kexxun ta’ taht.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Meta mbaghad gejna biex naqraw dan l-imbierek rapport jien indunjat illi dawn ma qrawhx, sewwa? Ghaliex Farrugia qabad u ha jibda jaqra l-konkluzjonijiet. Ghedtlu Kenneth, ghedtlu tista’ tghidli kif ser taqra l-konkluzjonijiet ghedtlu meta l-ewwel li trid tifhem il-body biex inti tifhem ir-ragunament ta’ l-analista ghala wasal ghal dawk il-konkluzjonijiet. U niftakru jwegibni – qalli jiena meta kont l-IAD dejjem hekk ghamilt u hekk ser nibqa’ naghmel. U ovvjament ma bdejniex ..

***Dr Andrew Borg Cardona :***
L-IAD being ....

***Ix-Xhud :***
L-Internal Audit and Investigation Department

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Tal- ..?

***Ix-Xhud :***
Tal-gvern hawnhekk, South Street il-Belt. U insomma ma qbilniex. Dan ir-rapprot forsi qrajna tliet paragrafi erbgha ..

***Imhallef A Lofaro :***
U l-ohrajn? L-ohrajn qrawh ir-rapport?

***Ix-Xhud :***
L-ohrajn kienu jbaxxu rashom ghal dak li jghid Farrugia

***Imhallef A Lofaro :***
Ma riedux jitkellmu ..

***Ix-Xhud :***
U x' jitkellmu!!

***Imhallef A Lofaro :***
…u jaghtu contribution fil-meeting?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Xejn.

***Ix-Xhud :***
U ma qbilniex insomma. Dan l-imbierek rapport qatt ma nqara. Naf illi fis-26 jew 27, 26 ta' Mejju minghalija kien il-Gimgha, ghax niftakar li l-Gimgha f' xi t-tmienja ta' filghaxija kont qieghed bil-karozza mal-familja, u kif ezatt wasalt quddiem il-Corinthia ta' H' Attard nircievi telefonata ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Haga zghira, l-analista illi kitbet dak ir-rapport ma gietx mistiedna tkun f' dan il-laqgha?

***Ix-Xhud :***
Iva iva; ghalhekk ghedtlek Gauci, kienet hi. Ruth Gauci. Ghax jien ghedtlek – Farrugia, jiena, Zammit u Gauci.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kinetx trid titkellem hi fil-meeting din jigifieri.

***Ix-Xhud :***
F’ dak il-meeting ma tkellimitx. Le f’ meetings ohra tal-kumitat nghidilhom hekk fejn inkunu qieghdin niddissettjaw ir-rapporti ovvjament ..

***Imhallef A Lofaro :***
U f’ dan ma tkellmitx.

***Ix-Xhud :***
Dak inhar ma …

***Imhallef A Lofaro :***
Issa ghedtilna li kont bil-karozza.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
X’ inhi l-pozizzjoni taghha llum Ms Gauci ghandek idea?

***Ix-Xhud :***
Jiena mgharraf illi llum qieghda manager tas-sezzjoni li kont immexxi jiena, sewwa? Jigifieri inghatat promotion ..

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Jigifieri giet flokok.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ok; kumbinazzjonijiet!

***Ix-Xhud :***
Issa .

***Imhallef A Lofaro :***
Ghedtilna kont bil-karozza.

***Ix-Xhud :***
Kont bil-karozza, sewwa, u xi hadd cempilli, ma niftakarx min, qalli isma’, qalli ccekkja naqra l-Malta Independent. U sirt naf illi kienu l-Independent ghamlet xi haga fuq l-LNG li kellu x’ jaqsam ovvjament mar-rapport li konna qed ninvestigaw. Issa to be fair ftit qabel konna fthemna illi jekk ikun hemm leake ta’ xi dokument immorru direttament ghand il-Pulizija biex naghmlu

rapport. U jien fil-lejl tal-Gimgha tas-26 ta' Mejju lil Kenneth Farrugia, ghandi anke SMS, cempiltlu minn ta' l-inqas tlettax (13)-il darba, u darba minnhom qataghli, u ma jwegibnix. Meta mbaghad t-Tnejn mort u ghedtlu ghala ma mmorrux ghand il-Pulizija kif konna miftehmin hu kien wegibni – jiena ghandi instructions differenti, sorry, jiena inghatajt instructions differenti.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Hu, mhux inti.

***Ix-Xhud :***
Hu. Hu mhux jien.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Hu, inghata struzzjonijiet differenti li allura qed nifhem jien, ikkoregini jekk ghandi zball Jonathan ..

***Ix-Xhud :***
Ma nafx minn ghand min.

***Imhallef A Lofaro :***
U lanqas taf x' kien l-instruction jigifieri
***Ix-Xhud :***
Li ma jwegibnix zgur ghax ma wegibnix jigifieri

***Imhallef A Lofaro :***
Li ma jwiegbekx?

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Imma dan kien fil-kuntest ta' la darba kien hemm leak, ghax harget fl-Independent, kellkom taghmlu rapport.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
U minkejja dan il-ftehim li kellkom, qed nifhem jien, again ikkoregini fejn ghandi zball..

***Ix-Xhud :***
Sewwa sewwa miexi.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Is-Sur Farrugia qallek – le, jien ghandi struzzjonijiet differenti.

***Ix-Xhud :***
Kelli, kelli, ghax ovvjament ..

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Kellu kellu; hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hundred percent.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta tghid jekk hemm leak tmorru ghand il-Pulizija biex tirrapportaw il-leak jew biex taghtu r-rapport lill-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Le, biex nirrapportaw. Ghax dak iz-zmien l-FIAU kien hemm certa leaks. Allura kien hemm hafna inkjesti ghaddejjin. Tal-compliance..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri l-iskop li kien …..ghal leak biss at that stage

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Fuq dan l-aspett biss, fuq dan l-epesodju..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta inti tghid illi r-rapport li ghamiltu intom kellkom tistudjaw, kien finalizzat.

***Ix-Xhud :***
Iva da zgur.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux finalizzaw, kontu tiddiskutuh biex tara hemmx bizejjed materjal.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm il-conclusions; issa jekk hux ser naqblu fuqhom jew le differenti..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe hekk hu. Conclusions kienu fis-sens illi jekk intom tapprovaw imur ghand il-Pulizija?
***Ix-Xhud :***
Jintbaghat ghand il-Pulizija mela mela.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu dik; ha nkunu nafu ahna.

***Ix-Xhud :***
Reasonable suspicion eh

***Imhallef A Lofaro :***
Reasonable .

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva, jekk intom tikkonkludu li l-analista waslet ghal reasonable suspicion u intom tikkonfermaw intom tibaghtuh is-soltu ghand il-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti meta kont qed tghid li tirrapporta l-leak konsegwentament tirrapporta wkoll illi tibghat ir-rapport, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Mhux hekk?

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Kienu episodji relatati pero` separati.

***Ix-Xhud :***
naqblu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Tirrapporta li xi hadd seraqlek id-dokument pero` bid-dokument stess tuzah ghal finjiet tieghek, hux hekk Sur Ferris?

***Ix-Xhud :***
Hekk hekk…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Biex inkunu cari.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Issa l-konkluzjonijiet ta’ dan il-famuz rapport, fil-qosor x’ kienu?

***Ix-Xhud :***
Hemm xi 12-il faccata konkluzjonijiet; jien ghandi ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…mhux ser nidhlu fl-aspett..; jekk materjalment kienx iwassal ghal Pulizija biex tinvestiga agir kif inhu ta’ persuna li qieghda fil- ..jew whatever

***Ix-Xhud :***
Beyond reasonable doubt qed nghidlek jien; ghax jiena kont in-naha tal-Pulizija u kont in-naha tal- …; beyond the reasonable doubt trid tibghat ghal dak ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva iva naqblu.

***Ix-Xhud :***
Le le, tibghat ghalih fuq dawk il-konkluzjonijiet

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Dan il-persuna min kien? Jew min kienu? Ghidli inti.

***Ix-Xhud :***
Kienu..il-file kien fuq l-Onorevoli Konrad Mizzi. Issa dan kien is-26 ta’ Mejju..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda ma kinetx il-file fuq min kienet. Id-domanda kienet min kienu l-persuni involuti. Hu biss kien hemm jew kien hemm ohrajn ukoll?

***Ix-Xhud :***

Imma huma kien il-financial structures hu; kellek lil Hearnville, kellek lil Rotorua Trust. Imbaghad deda diehel kollox.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma ahniex niftehmu
***Dr Andrew Borg Cardona :***
Bil-mod Sur Ferris. Qed tghaggel hafna. Inti tafhom sewimma ahna..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda kienet; inti qed tghaggel hafna. Il-persuni li intom kontu kellkom suspicion illi setghu kienu involutu f' dan l-agir kien wiehed jew iktar minn wiehed?

***Ix-Xhud :***
Le; qatt ma tista' tkun wahdek, ghax jekk inti qed titlob parir minn ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva id-domanda ..

***Imhallef A Lofaro :***
.. min kienu please?

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ha nigwidah; mela Sur Ferris, il-file kien il-main subject tieghu ..

***Ix-Xhud :***
Il-main subject kien Konrad Mizzi.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Kien Konrad Mizzi. Issa ..

***Ix-Xhud :***
Imma mbaghad kellek l-involviment ta' Carl Cini per ezempju.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok; allura hekk irridu. Hekk irridu nisimghu, min kienu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ghandu habta ...xi drabi jkun too accurate imbaghad; issa Carl Cini, Konrad Mizzi.

***Imhallef A Lofaro :***

Hemm xi hadd iehor please?

***Dr Andrew Borg Cardona :***
….. ha niehu l-blame jien minn ghandhom imbaghad. Keith Schembri?

***Ix-Xhud :***
Le ma kienx hemm li …

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Ma iffigurax. Brian Tonna?

***Ix-Xhud :***
Iffigura ghax kienu qed jaghmlu l-istess ta' structures jigifieri; imma l-investigazzjoni ma kinetx fuqu.

***Dr Andrew Borg Cardona :***
Le mhux qed nghidlek fuq min kienet. Kien hemm xi matrix x' imkien li qed juri dan l-ispiders web?

***Ix-Xhud :***
Iva kien hemm hu. Kien hemm

***Dr Andrew Borg Cardona :***
U dawn il-konkluzjonijiet hemm qed iwassluna?

***Ix-Xhud :***
Hemm qed iwasslu.

***Imhallef A Lofaro :***
Min kien hemm ikar please?

***Ix-Xhud :***
Iffigerjat il-…

***Imhallef A Lofaro :***
Min?

***Ix-Xhud :***
L-issue tal-five thousand a month, sewwa? Li kien hemm l-issue tar-rental agreement tieghu minn l-Ingilterra ta' 20K, u l-flat, illi l-flat kien ghadu partly loan on the Bank of Valletta u allura ..

***Imhallef A Lofaro :***
Sewwa; ta' L-Onorevoli Mizzi hux?

***Ix-Xhud :***
